MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1829/2002

**Grima Communications Limited**
**vs**

**Manwel Sultana u b'digriet tat-2 ta' Gunju, 2003 isem il-konvenut jigi mibdul minn Manwel ghal Maurice**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fit-30 ta' Lulju, 2002 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm302.40) bilanc li baqa' ma thallasx ghall-reklami li xxandru fuq istruzzjonijiet tal-konvenut fuq ir-radju LIVE FM ghal SHAMERIA Mini Market bejn Lulju u Dicembru, 1998, u dana minkejja ittra ufficjali u diversi "statements" li ntbaghtu lill-konvenut biex ihallas;**
**Bl-ispejjez ta' l-avviz u bl-imghax kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta'  Joe Grima li kkonfemat li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u zewg liri Maltin u erbghin centezmu (Lm302.40) bl-imghax legali mill-31 ta' Ottubru, 1998 sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------